C/2024/4426

10.7.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11613 — CVC / EMMA / FOXPOST)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għall-proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/4426)

1. Fit-3 ta' Lulju 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— CVC Capital Partners plc ("CVC", Jersey),

— EMMA Alpha Holding Ltd.("EMMA", Ċipru), fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollati mis-sid maġġoritarju tagħha Jiří Šmejc

— FoxPost Zrt. ("FoxPost", l-Ungerija).

CVC u EMMA se jakkwistaw skont it-tifsira tal-Artikoli 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet kontroll konġunt ta' FoxPost permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— CVC: maniger ta' fondi ta' investiment b'interessi f'għadd ta' kumpaniji attivi f'diversi industriji globalment,

— EMMA: holding ta' investiment privat primarjament attiv fl-Ewropa, li għandu kumpaniji tal-portafoll f'diversi setturi inkluż is-servizzi finanzjarji, il-gaming, l-enerġija u l-e-kummerċ,

— FoxPost: fornitur ta' servizzi ta' konsenja tal-aħħar mil tal-pakketti lin-negozjanti tal-kummerċ elettroniku u lill-individwi , attiv fl-Ungerija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' koċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

L-osservazzjonijiet iridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11613 — CVC / EMMA / FOXPOST

L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË